XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.33 (Tlieta u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Il-Kunsilliera | Azzopardi Joseph |
| | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

   3.1 Ġemellaġġ - Is-Sindku qal li wara li- ktibna biex jagħtuna lura €1,600 li nfaqna żejda meta ġew ta' Colletorto, ġiet ittra mid-Direttur fejn qalilna li m'għandux fondi u qal li tawna €15,000 biex jgħinu l-Kunsill u għandna naraw il-Memo dwar il-ġemellaġġi sabiex inkunu konformi. Is-Sindku rrispondih u qallu li dawk ma kienux għall-istess ħaġa u kieku konna nafu li ser jirrispondi hekk ma konniex nagħmlu spejjeż ulterjuri. Aħna kellna arranġament f'laqgħa ma' Dr Chris Said fejn qalilna li jistgħu jgħinuna.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.2 Steering Committte SSTP – Kellna numru ta' telefonati u lmenti fuq l-irwejjaħ mill-impjant tad-drenaġġ. Tal-WSC qalulna li l-irwejjaħ qed jiġu minħabba li l-farms qed jarmu ħafna fid-drenaġġ, li mhux suppost u l-impjant qed ikun *overloaded* u allura jrejjaħ. Qed jiġi flow kbir mis-Siġġiewi u speċjalment miż-Żejtun. Id-drenaġġ qiegħed jidħol bil-banjijiet u meta jkun hemm load kbira, l-kimika ma tlaħħaqx u tibqa trejjaħ.

Is-Sindku qal li tal-WSC ser ikellmu lil tal-farms biex jispjegawlhom kif iridu jagħmlu. Il-WSC qalulna li ser joħorġu stqarrija għall-istampa fuq kif ser inaqqsu r-riħa li ħierġa mill-impjant. Bħala Kunsill naraw x'ser jgħidu l-WSC u wara noħorġu l-istqarrija tagħna.

3.3 Rigward Triq San Leonardu li qedgħin iwessgħu, hemm 3 ħaddiema jaħdmu biss fejn id-dar tas-soru u 2 fejn ir-roundabout. Bħalissa hemm it-triq magħluqa u l-karozzi jgħaddu minn ġewwa x-Xgħajra. Tkellimna mal-Perita Conti u qaltilna li għada sejra tkellmu għax dan suppost kellu jlesti fi ftit żmien. Kull ma jrid issa hija gaffa u jwittu t-triq.

3.4 Arriva – Is-Sindku qal li mill-bieraħ bdew ir-rotot il-ġodda tal-karozzi tal-linja. Fix-Xgħajra ser ikollna bdil ukoll fejn minflok in-numru 3 ser ikollna n-numru 94 li ser tmur dirett il-Belt mingħajr ma tidħol Bormla. Hemm miktub fil-gazzetta wkoll li hemm rotta 124 li tmur Bormla min Ħaż-Żabbar li tgħaddi miċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar u min irid imur Bormla etċ issa jkollu jaqbad in Nru 94 jew 120 mix-Xgħajra, jinżel Ħaż-Żabbar u jaqbad in Nru 124 li tgħaddi kull siegħa minn Ħaż-Żabbar għal Bormla, Birgu, l-Verdala u lura.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korrispondenza:-

4.1 Management Letter – Is-Sindku qal li qedgħin naħdmu fuqha.

4.2 Is-Sindku qal li rċevejna mid-Dipartiment li rridu nagħmlu l-Performance Appraisal tas-Sur Carmelo Camilleri ta' dawk ix-xahrejn li kien ħadem fil-bidu tas-sena qabel ma rtira. Il-Kunsill qabel li jingħata l-full percentage ta' 10%.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar t'April, 2012 ġie approvat.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda: Kwotazzjonijiet/Tenders

6.1 Ġew ippreżentati 3 kwotazzjonijiet tat-tqegħid tal-madum għat-toilets ġodda ġewwa l-Kunsill u ġiet aċċettata l-irħas waħdha (Eur 1,600) li kienet ta' Ivan Cassar. Kien hemm qbil unanimu.

6.2 Is-Segretarju qal li għandna bżonn noħorġu Expression of Interest għal Accountant sabiex inkunu nafu jekk għax-xogħol li hawn fix-Xgħajra għandnix bżonn noħorġu quotations jew le. Il-ħinijiet għal Accountant li l-Kunsill għandu bżonn huma ta' 4 siegħat fix-xahar u mbagħad kull tlett xhur isiru l-Quarterly Reports u fl-aħħar tas-sena jsiru l-Financial Statements.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Proġett – Recreational/Sports Centre

7.1 Is-Sindku qal li qed nistennew il-Perit jitkellem ma' l-Enemalta fejn qed jipproponi li minflok culvert isiru pipijiet u kull 10m isiru spactions. Ma nistgħux niftuħ qabel jitlestew dawn il-pipijiet u ma nistgħux nagħmlu l-entratura. Dan l-aħħar xahrejn, tlett xhur qisna waqafna pero' kif neħilsu din il-biċċa tax-xogħol tal-pipijiet jew culvert, nagħmlu r-railings u l-entratura u nkunu nistgħu nidħlu għal Greek Theatre u l-bandli u jkun jista' jsir il-ftugħ uffiċċjali.

Is-Sindku qal li tkellem ma' Chris Ciantar (Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-MRRA) fejn jidher li jkun jista' jgħina sabiex isir il-fencing ta' barra kif suppost u mhux temporanju.

.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Attivitajiet Kulturali

.

8.1 Jum ix-Xgħajra – Is-Sindku qal li Jum ix-Xgħajra kien suċċess u kulħadd ħa pjaċir bl-attivita' li għamilna.

8.2 Is-Sindku ppropona attivita' Kulturali għan-nies tax-Xgħajra nhar is-7 ta' Ġunju u

ser immorru ġurnata Għawdex għaliex kellna offerta mingħand l-operatur tal-Każin tal-banda ta' Kerċem fejn minbarra l-ikel ser jiehu ħsieb ukoll it-trasport għall-ġurnata kollha f'Għawdex. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda – Xoġħol madwar ix-Xgħajra

9.1 Is-Sindku qal li għandna bżonn xogħol ta' tarmac u patching madwar ix-Xgħajra kollha. Hu qal li l-Kalkara għandhom Tender li diġa'qiegħed jintuża u aħna bħala Kunsill nistgħu nużaw l-istess wieħed. Hu semma li hemm bżonn patching fi Triq Leonard Mahoney, Triq Karmelo Ritchie, Triq l-Iskola, Triq il-Knisja, Triq Sant Elija, Triq l-Ispnott u ssir Triq Qaċċawiet pero' din qedgħha fil-kuntratt ta' l-MOU. Fi Triq l-Ispnott hemm ukoll xogħol ta' bankini.

9.2 Kien hemm proposta li ssir ħadida bħala barrier kif iddur mal-Każin tal-Labour. Kulħadd qabel.

9.3 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mad-Direttur General ta' l-MRRA , is-Sur Ray Farrugia u ġie miftiehem li f'Dawret ix-Xatt isir xogħol ta' manutenzjoni tar-railing, fanali u bankijiet.

10. Item Nru 10 fuq l-Aġenda - Affarijiet oħra

10.1 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ qalet li kellha talba mingħand in-nies biex jibda jiġi l-van tal-posta u r-residenti jkunu jistgħu iħallsu l-kontijiet u jixtru li jkollhom bżonn minfolk joqgħodu jitilgħu ħaż-Żabbar.

10.2 Is-Sindku qal li din il-ġimgħa kellna ħafna lmenti fuq it-trab minħabba Smart City fejn il-kuntattur qed jidħan il-ġebel biex jagħmlu żrar u qed iqum ħafna trab meta jsir dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li kellna meeting magħhom u tkellimna biex is-sit jixxarrab qabel ma jsir dan ix-xogħol u meta jkun riħ qawwi fuq ix-Xgħajra ma tintużax l-*stone crashing machine*.

XGĦAJRA

11. Item Nru 11 fuq l-Aġenda - Aġġornament

11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 13 ta' Ġunju, 2012 fl-4.00pm fejn wara jkollna il-Laqgħa Annwali.

____________________________ ____________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt